31996D0612

24.10.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 271/38

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-14 ta' Ottubru 1996
## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra b'konsegwenza ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea.

(96/612/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 99 u 113, b'rabta mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi huwa neċessarju li jiġi approvat il-Protokoll għall-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra b'konsegwenza ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea ([3]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra b'konsegwenza ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunitajiet Ewropej.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5 tal-Protokoll. ([4])

Magħmula fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 1996.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

R. QUINN

([1]) ĠU C 88, tal-25.3.1996, p. 1.
([2]) Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Lulju 1996 (li għandha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 374, tal-31.12.1990, p. 14.
([4]) Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Protokoll se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjail tal-Komunitajiet Ewropew mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.